Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 294/2014/1

**Mona Farrugia Limited (C 48565)**
**(appellata)**

**Vs**

**Maltapost plc**
**(appellanti)**

20 ta' Mejju, 2019.

1. **Din is-sentenza tindirizza appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 t'April 2018 dwar allegati danni fil-fond okkupat mill-attriċi b'riżultat ta' xogħlijiet u perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuta għall-kantina tal-attriċi.**

2. Fil-qasir il-proċeduri bil-miktub quddiem l-ewwel qorti, kienu s-segwenti:

   2.1. Permezz ta' rikors preżentat fil-21 ta' Awissu 2014, is-soċjetà attriċi talbet lill-Qorti tal-Maġistrati tillikwida d-danni kaġunati mis-soċjetà konvenuta fil-fond *restaurant* "Angelica", Archbishop Street, Valletta minħabba kostruzzjoni li qed issir fil-fond adjaċenti proprjetà tal-konvenuta, u tikkundannaha għall-ħlas tal-istess, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1485/14 u l-imgħax. Għal finijiet ta' kompetenza ddikjarat li d-danni ma jeċċedux ħdax-il elf Ewro (€11,000).

   2.2. Permezz ta' tweġiba datata 2 ta' Ottubru 2014[1] il-konvenuta wieġbet illi:

      i. l-attriċi għandha tipprova li għandha interess ġuridiku sabiex tipproponi u tissokta bil-kawża odjerna;

[1] Fol. 6.

ii. l-attriċi għandha tipprova li l-allegati danni ġew kkaġunati mill-konvenuta;

iii. it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

iv. l-azzjoni hi intempestiva u għalhekk fi kwalsiasi eventwalità m'għandiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż.

2.3. Permezz ta' tweġiba ulterjuri ppreżentata fit-2 ta' Diċembru 2014, is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li m'hijiex il-leġittima kontradittriċi[2] iżda din l-eċċezzjoni ġiet irtirata fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2015.[3]

2.4. B'sentenza mogħtija fit-18 t'April 2018, il-Qorti tal-Maġistrati Malta ddeċidiet:

- ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta salv dik fil-mertu liema eċċezzjoni ġiet milqugħa billi ddikjarat li in effetti x-xogħol ta' struttura li sar mis-soċjetà konvenuta sar skont is-sengħa u l-arti u li l-ħsara li sofriet l-attriċi kien **riżultat dirett talli tħalla miftuħ il-vit tal-ilma tas-soċjetà konvenuta** u għalhekk tilqa' t-talba attriċi u ċioé fl-ammont ta' ħdax-il elf ewro kif mitlub minnha u dan għaliex il-valur tal-ħsara fil-fliexken jeċċedi l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi;
- li m'hemmx lok li jiżdied l-ammont tal-*convection oven* għaliex b'hekk konġuntivament il-valur kien jeċċedi dak mitlub mill-istess soċjetà attriċi;
- li l-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru numru 1485/14 għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà konvenuta;
- u li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

3. Minn din id-deċiżjoni appellat is-soċjetà konvenuta. L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

i. l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma adottatx il-konklużjoni tal-periti ġudizzjarji fis-sens illi d-danni kaġunati minnha jammontaw limitatament għal €519;

---

[2] Fol. 29.
[3] Fol. 32.

ii. minkejja li s-soċjetà attriċi naqset li ġġib l-aħjar prova dwar il-ħsarat li allegat fil-*labels* tal-fliexken, l-Ewwel Qorti adottat il-kontenut tad-dokument MF4 a fol. 44 tal-proċess;

iii. l-Ewwel Qorti ma kinitx konsistenti fil-konklużjonijiet tagħha u għaddiet biex tikkundannaha biex tħallas id-danni allegatament kawżati fil-*labels* tal-fliexken mingħajr ma kellha prova ta' l-istat u l-kundizzjoni tal-fliexken qabel l-allegat ingress tal-ilma u x'sar mill-istess *stock* ta' fliexken wara;

iv. l-Ewwel Qorti kisret ir-regoli ta' *extra petita* u *ultra petita;*

v. l-Ewwel Qorti sabitha responsabbli għall-fatt dannuż minkejja li s-soċjetà attriċi ma ppruvatx dan suffiċjentement;

vi. l-Ewwel Qorti sabitha responsabbli għall-fatt dannuż minkejja li s-soċjetà attriċi ma ppruvatx suffiċjentement l-event dannuż u l-imputabilità tal-event dannuż lilha;

vii. l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannatha biex tħallas danni għal raġuni li mhux stabbilita bħala kawżali fir-rikors promutur u f'somma superjuri għal dik mitluba minnha fl-ittra uffiċjali numru 1440/14 a fol. 98 tal-proċess;

viii. l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannatha tħallas l-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fit-totalità tagħha u li l-aggravji kollha tal-appellanti, għajr wieħed li jitratta allegazzjoni li l-Ewwel Qorti marret oltré t-talbiet attriċi, jitrattaw l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti u ma hemm l-ebda raġuni gravi għalfejn din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi fil-prim' istanza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. Filwaqt li l-**ewwel**, it-**tieni**, it-**tielet**, il-**ħames**, u s-**sitt aggravju** jirrigwardaw il-mertu, permezz tar-**raba' aggravju** l-appellanti tilmenta' li l-Ewwel Qorti kisret ir-regoli ta' *extra petita* u *ultra petita*. Jixraq għalhekk li din il-Qorti tibda billi tevalwa proprju dan ir-raba' l-ilment.

6. L-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti '*eċċediet bil-bosta'* l-kawżali li hi kienet mitluba li tiddeċiedi fuqha u permezz tas-sentenza finali tagħha ddeċidiet "*li l-ħsara li sofriet is-soċjetà attriċi kien riżultat dirett talli tħalla miftuħ il-vit tal-ilma tas-soċjetà konvenuta u għalhekk tilqa' t-talba attriċi u ċioé fl-ammont ta' ħdax-il elf ewro (€11,000).* Dan meta t-talba attriċi kienet:

> *'tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kkaġunati minnek fil-fond restaurant "Angelica", Archbishop Street, Valletta* ***stante kostruzzjoni li qed isir fil-fond adjaċenti proprjetà tiegħek****.*[4]

7. Għal dan l-appellata wieġbet illi, b'referenza għall-artikolu 171 u 213 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa prinċipju ormai stabbilit li Qorti inferjuri m'hijiex marbuta strettament mal-kawżali. Tgħid li minkejja r-rikors promutur jattribwixxi l-ħsarat għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, irriżulta mingħajr dubju li l-ħsarat lamentati mill-attriċi kienu attribwibbli għax-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-konvenuta fil-fond sovrastanti l-kantina tal-attriċi u jinkludu l-fatt li tħalla vit miftuħ.

8. L-artikolu 171 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *'171.(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta'rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-atturu tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti.*
> *(2) Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.*
> *(3) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 23, is-sentenza li tingħata fil-qrati msemmija ma teħtieġx li tkun tinkludi r-raġunijiet kollha li wasslu għaliha, iżda tista' biss issemmi l-punti ewlenin li fuqhom il-qorti tkun ibbażat il-konklużjonijiet tagħha'.*

9. L-artikolu 213 tal-Kap 12 jipprovdi:

> *213.* ***Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors****:*
>
> *Iżda l-qorti tista', meta mitluba jew jidhrilha meħtieġ li jsir hekk, tagħti żmien qasir biex il-konvenut ikun jista' jlesti d-difiża tiegħu biex jopponi dak il-jedd l-ieħor:*
>
> *Iżda l-qorti ma tista' f'ebda każ tagħti ammont akbar minn dak mitlub bit-talba oriġinali.*

---

[4] Enfażi tal-qorti.

10. It-talba attriċi kienet waħda għal danni '*stante kostruzzjoni*' fil-fond biswit dak tal-konvenuta. Huwa minnu li, strettament, il-vit miftuħ li l-ewwel qorti qalet li kien il-kawża tad-danni li sofriet l-attriċi ma jikkwalifikax bħala '*kostruzzjoni*' iżda dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kienet *ultra petita* kif allegat mill-appellanti.

11. Għalkemm ix-xogħlijiet li kienu għaddejjin fil-fond tal-konvenuta ma kienux *per se* il-kawża tad-danni kaġunati lill-attriċi, kien waqt l-imsemmija xogħlijiet li tħalla l-vit miftuħ li kkawża danni. Speċifikament, dan seħħ meta xi ħaddiema tal-konvenuta ħarġu mill-imsemmi fond u ħallew il-bieb ta' barra miftuħ. Kien il-perit Calleja, li kien qiegħed jieħu ħsieb finishing works, li nduna li tħalla l-vit miftuħ u għalqu. Għalhekk il-konklużjoni tal-ewwel qorti tinkwadra fil-kawża li pproponiet l-attriċi.

12. Iżda wkoll kieku stess kellu jingħad li l-Ewwel Qorti ddeċidiet abbażi ta' jedd ieħor li ma jidħolx sewwa fit-talba oriġinali, l-artikolu 213 tal-Kap. 12 ma jħalli dubju li m'hemmx xejn irregolari fis-sentenza;

> *'L-iskop ta' dak l-artikolu, kombinat ma' l-Artikolu 171, hu mahsub biex juri illi "trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge è meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse stata introdotta in una Corte superiore; basta una espressione dell' attore in qualunque forma intelligibile" (Kollez. Vol. XII pagna 31; Vol. XXIV P I p 615).'*[5]

13. <u>Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju</u>.

14. Fir-rigward tal-**ewwel**, tat-**tieni**, tat-**tielet**, tal-**ħames**, u tas-**sitt aggravju**, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et - vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[6]

---

[5] ***Anthony u Rose Micallef vs Oliver Cachia,*** Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.
[6] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.

15. F'dan l-isfond, din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn l-aggravji tas-soċjetà appellanti.

16. L-Ewwel Qorti ddeċidiet:

> *Jibqa' ghalhekk l-ahhar eccezzjoni dwar il-mertu u cioe' jekk hix is-socjeta' konvenuta li ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni kolha li s-socjeta' attrici qed tirreklama.*
>
> *M'hemmx dubju li għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba jingħad li din hija l-konsegwenza diretta mas-sejbien tal-ħtija ghalkemm in parte.*
>
> *Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' Perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.*
>
> *...*
>
> *... Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet grosso modo sfavorevoli ghas-socjeta' attrici, dan ghazlet li ma tressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimitat ruhha li fl-ewwel lok teskuti lill-periti teknici u fit-tieni lok tressaq sottomissjonijiet bil-miktub.*
>
> *Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejjew r-rapport taghhom , il-periti teknici accedew fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill-kumpannija konvenuta u kkonstataw l-istess xogholijiet. Il-Periti Teknici fissru fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-periti teknici u l-konkluzjonijiet taghhom. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.*
>
> *Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti ...*
>
> *Illi huwa veru li l-perit tekniku appuntat mis-socjeta' attrici wasal ghall-konkluzjoni differenti mill-perit teknici nominati mill-Qorti pero' il-Qorti rat li abbazi tal-provi migjuba lil dawn l-esperti fil-mori tal-kawza ma jwasluhomx sabiex jaslu fi qbil ma' dak li kkonkluda l-perit ex-parte tas-socjeta' attrici. Jinghad li s-socjeta' attrci kien ikollha kaz hafna aktar sod li kieku ghamlet conditional report qabel ma s-socjeta' konvenuta bdiet bix-xoghol taghha u in oltre kien ikun ahjar li kieku s-socjeta' attrici ndikat fejn l-appliances ma kienux qed jahdmu u mhux tistenna lill-Perit Ingineer Fava jipprova l-appliances u jghid li kienet il-convection oven biss li ma baqghax jahdem.*
>
> *Dwar il-quantum ta' dannni li sofriet s-socjeta' attrici dwar il-hsara li kien hemm fil-labels tal-fliexken jinghad li s-socjeta' attrici resqet d-dokument MF4 a fol. 44 li ma giex kontestat li jindika li d-danni subiti minnha kienu ta' €16,254.33. Illi dwar il-valur moghti mill-Esperti Teknici tal-convection oven ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet peress illi s-socjeta' konvenuta strahet fuq din il-prova migjuba mill-Esperti Teknici stess.'*

17. Safejn l-appellanti tilmenta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata in kwantu l-attriċi appellata ma ppruvatx suffiċjentement l-event dannuż u l-imputabilità tal-event dannuż lilha, l-aggravju tagħha mhux se jintlaqa'.

18. L-appellanti, *inter alia* tilmenta li l-Ewwel Qorti '*qabdet każistika relatata mal-kunċett ta' leġittimu kontradittur u applikatu erronjament għal-każ.'* Dan m'huwiex il-każ. L-imsemmija kunsiderazzjonijiet kienu b'referenza għat-'*tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta kif mogħtija minnha nhar it-2 ta' Diċembru 2014 li s-soċjetà konvenuta mhix leġittima kontradittriċi.'* Huwa minnu li din l-eċċezzjoni kienet ġiet irtirata fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2015[7] iżda dan ma jġibx is-sentenza fix-xejn.

19. Dwar l-event dannuż u r-responsabbilità tal-istess, abbażi tal-provi miġbura l-Periti Tekniċi rrelataw kif ġej:

> '***8.03** ... ġie stabbilit il-fatt li almenu f'okkażjoni waħda, tħalla vit tal-ilma miftuħ fil-fond tas-soċjetà konvenuta w li dan l-ilma daħal ġol-kantina tal-fond tas-soċjetà attriċi u kkawża ċertu ħsarat fil-materjal u f'apparat preżenti fil-kantina. Fost dawn l-oġġetti kien hemm fliexken tax-xorb li xxarbu w tħassritilhom il-label tant li ma setgħux jiġu mibjugħin lill-klijenti, kif ukoll 'Convection Oven' li ma ħadimx iżjed.*
>
> ***8.04** Illi fl-opinjoni tagħhom u tenut kont tal-fatt illi l-kantina hija miftuħa għall-elementi w allura soġġetta għal livell ta' umdità għolja, id-dħul ta' ilma f'lokazzjoni ta' meta tħalla miftuħ il-vit tal-ilma fil-fond tas-soċjetà konvenuta ikkawża ċerti ħsarat senjatament fil-fliexken tax-xorb u fl-apparat tal-'Convection Oven', liema ħsarat qed jiġu likwidati fl-ammont ta' ħames mija w dsatax-il ewro (€519) inkluż bil-VAT ...'*

20. Fir-rigward l-Ewwel Qorti ġustament stabbiliet illi:

> *'Illi l-periti teknici maħtura mill-Qorti kienu tal-fehma li l-imħarrek jaħti għal dak li ġralha s-socjeta' attrici fi ħwejjiġha b'certu kawtela u cioe' ghal dak li jirrigwarda biss il-hsara fuq l-forn u semmai l-hsara fuq il-labels tal-fliexken tax-xorb li kien hemm fil-kantina. Dan waslu għalih għaliex sabu li mill-provi mressqa l-ilma daħal fil-fond tas-socjeta' attrici kien minħabba li kien hemm vit li thalla miftuh jew infetah fil-proprjeta tas-socjeta' konvenuta u l-ilma ippenetra ghal ghand is-socjeta' attrici.*
>
> *F'qagħda bħal din, titnissel dik li tissejjaħ "in-natura oġġettiva tar-responsabbilta'" li tinbena fuq ir-responsabbilta' li kull sid ta' proprjeta' titfa' fuqu l-liġi biex iħares u jikkontrolla ħwejġu kif imiss. F'dan ir-rigward, ingħad ukoll li "ġaladarba teżisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu nnifsu kriterju ta' responsabbilta', in kwantu jimponi fuq min għandu d-disponibilita' tal-fond, sija materjali, sija ġuridika, ir-responsabbilta' għas-seħħ ta' ċertieventi determinanti.*
>
> *Dan ukoll indipendentement mir-riċerka tan-ness kawżali bejn xi kondotta negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħu. Anzi, dejjem fil-każ tal-ispeċje hawn eżaminat, strettament id-danneġġat mhux tenut jipprova x-xorta*

---

[7] Fol. 32.

*ta' kondotta kolpuża f'min iġib fis-seħħ l-event dannuż u, kważi kważi, din hi irrilevanti in kwantu hi lanqas ma kellha id-dritt li taċċedi fil-fond li minnu oriġinat il-ħsara u, allura, teżisti anke d-diffikulta' estrema li hi tipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond".*[8]

*Illi għalhekk il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni tajba għaliex ma jmisshiex toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet tal-periti maħturin minnha u ma hemmx raġunijiet li fuqhom imissha, kif jissuġġerixxi l-imħarrek, titbiegħed minnhom. Il-fehmiet tagħhom, minbarra li jaqblu, huma mfissra b'mod tajjeb u ċar biżżejjed biex il-Qorti tgħarbel liema, mill-verżjonijiet tal-partijiet, tista' toqgħod fuqha u liema huma dawk iċ-ċirkostanzi fattwali li fuqhom tista' tasal għall-konvinċiment tagħha.'*

21. Din il-Qorti ftit li xejn għandha xi żżid ma' dan. L-appellanti hija responsabbli għall-proprjetà tagħha b'dan illi ma tistax issa tippretendi li t-tieni eċċezzjoni tagħha kellha tintlaqa' għaliex li mill-provi ma jirriżultax kif infetaħ l-imsemmi vit tal-ilma li kien jinsab wara l-bieb ta' barra tal-proprjetà tagħha f'perjodu ta' ħin meta **l-fond tħalla miftuħ u nkustodit**. Fiċ-ċirkostanzi, ladarba ma ġiex pruvat li xi terz malizzjożament fetaħ l-imsemmi vit, ir-responsabbilità tibqa' tas-sid, u ċioé tas-soċjetà appellanti. Għalhekk, stabbilit li huwa minnu li f'dik l-istanza l-imsemmi vit ntsab miftuħ mill-Perit Patrick Calleja u li l-ilma kien qiegħed jiskula fil-kantina sottostanti mikrija lill-appellata, liema ilma kien il-kawża tad-danni ravviżati mill-Periti Tekniċi, din il-Qorti hija sodisfatta li kemm l-event dannuż kif ukoll l-imputabilità tal-istess lill-appellanti ġie suffiċjentement ippruvat.

22. Għalhekk kemm il-ħames kif ukoll is-sitt aggravji tal-appellanti qegħdin jiġu miċħuda.

23. Se jiġu issa trattati l-**ewwel tlett aggravji** lkoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni, speċifikament dwar id-danni relattivi għall-ħsarat fil-*labels* tal-fliexken tax-xorb li kienu jinsabu fil-kantina tal-fond attriċi.

24. Il-Periti Tekniċi llikwidaw id-danni kif ġej:

*'**8.04** Illi fl-opinjoni tagħhom u tenut kont tal-fatt illi l-kantina hija miftuħa għall-elementi w allura soġġetta għal livell ta' umdità għolja, id-dħul ta' ilma f'lokazzjoni ta' meta tħalla miftuħ il-vit tal-ilma fil-fond tas-soċjetà konvenuta ikkawża ċerti ħsarat senjatament **fil-fliexken tax-xorb u fl-apparat tal-'Convection Oven',** liema ħsarat qed jiġu likwidati fl-ammont ta' ħames mija w dsatax-il ewro (€519) inkluż bil-VAT. Anness ma dan ir-rapport jidher li forn simili bħalu li kien inxtara bl-invoice Number 082342.*[9]

[8] App. Inf. PS 23.4.2010 fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Ltd noe vs Doreen Vella et***.
[9] Enfażi tal-Qorti.

*8.05 Illi l-makkinarju l-ieħor li nstab fuq is-sit (UPRIGHT FRIDGE AND FREEZER) għadu jopera f'kundizzjonijiet tajba. B'referenza għall-kumpressur ta' l-arja kondizzjonata li jinsab taħt l-isprall huwa indikat li dan huwa espost għal diversi elementi li jistgħu ikunu ikkaġunati mill-istess triq li jista' jaffetwa lill-istess kumpressur u mhux bilfors mis-sit tal-konvenuti.*

***8.06** Illi in segwitu għas-suespost, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi ordnata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija w dsatax-il ewro. (€519) hekk likwidata.'*

25. Il-ħsarat li semmew il-periti kienu fil-*convection oven* u fliexken tax-xorb. In eskussjoni, l-attriċi staqsiet:

*'10. Ir-rapport jinkludi li l-ingress tal-ilma ikkawża ċertu ħsarat, senjatament fil-fliexken tax-xorb u l-convection oven li kienu fil-kantina tal-fond in kwistjoni. Dawn id-danni ġew likwidati fl-ammont ta' €519. Madanakollu, skont ir-rapport tagħkom stess, dan l-ammont ikopri biss l-ispejjeż tal-convection oven, li l-prezz tiegħu huwa proprju €519. Kif wasaltu għal din is-somma ta' €519? Liema parti minn din is-somma tkopri l-convection oven, u liema parti tkopri l-fliexken?'*[10]

26. Huma wieġbu:

***'10. Fir-rikors jew waqt il-ġbir tal-provi r-rikorrenti qatt ma ppreżentat claim jew kont tal-fliexken tax-xorb li saritilhom il-ħsara u allura s-somma likwidata tkopri biss il-convection oven.'***[11]

27. Hu evidenti li l-periti tekniċi ma rawx fliexken tal-inbid bi ħsara.

28. L-Ewwel Qorti rat iżda illi:

*'Dwar il-quantum ta' dannni li sofriet s-socjeta' attrici dwar il-hsara li kien hemm fil-labels tal-fliexken jinghad li s-socjeta' attrici resqet d-dokument MF4 a fol. 44 li ma giex kontestat li jindika li d-danni subiti minnha kienu ta' €16,254.33. Illi dwar il-valur moghti mill-Esperti Teknici tal-convection oven ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet peress illi s-socjeta' konvenuta strahet fuq din il-prova migjuba mill-Esperti Teknici stess.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta salv dik fil-mertu liema eccezzjoni qed tigi milqugha billi tiddikjara li in effetti x-xoghol ta' struttura li sar mis-socjeta' konvenuta sar skond is-sengha u l-arti u li l-hsara li sofriet is-socjeta' attrici kien rizultat dirett talli thalla miftuh il-vit tal-ilma tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk tilqa' it-talba attrici u cioe' fl-ammont ta' hdax-il elf ewro (€11,000) kif mitlub minnha u dan ghaliex il-valur ta' hsara***

[10] Fol. 162
[11] Fol. 158, enfasi tal-Qorti

***fil-fliexken gja jeccedi l-ammont mitlub mill-istess socjeta' attrici. Illi m'hemmx lok li jizdied l-ammont tal-convection oven ghaliex b'hekk konguntivement il-valur kien jeccedi dak mitlub mill-istess socjeta' attrici.'***

29. Dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti injorat ir-relazzjoni peritali, kif allegat mis-soċjetà appellanti. Kienu l-periti tekniċi stess li kkonkludew li saret ukoll ħsara fi fliexken tax-xorb. Iżda filwaqt li l-periti tekniċi ma llikwidaw l-ebda somma għad-danni fl-imsemmija fliexken għaliex dehrilhom li l-attriċi qatt ma ppreżentat claim jew kont tal-fliexken tax-xorb li saritilhom il-ħsara, il-Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq id-dokument **MF4** a fol. 44, preżentat mill-attriċi u osservat li d-dokument ma kienx kontestat.

30. Fir-rapport tal-perit Alan Saliba, jissemma li *"... **diversi mbejjed sofrew ħsara fil-'labels' tagħhom** u għalhekk ma jistgħux jintużaw"*.[12] Mir-rapport hu evidenti li l-perit tekniku kien rahom, tant li kiteb: *"Minn dak li rajt fuq il-post u mill-informazzjoni li għaddietli Mona Farrugia ġie kkonstatat is-segwenti ......"*, u mbagħad elenka x'ra meta spezzjona l-fond. Pero dwar il-fliexken ma qal xejn iktar.

31. Mona Farrugia xehedet li, *"Daħal l-ilma wkoll fuq tikketti u tabelli tal-inbejjed li aħna nżommu fil-kantina nkluż it-tikketti fuq xampanja li hija għalja ħafna u naturalmen ma tkunx tista' tbiegħhom"*.

32. Fl-ebda stadju tal-proċeduri l-konvenuta ma ddikjarat li qegħda taqbel ma' dak dikjarat f'dokument MF4 a fol. 44. Rilevanti hu kif l-inċident jidher li seħħ fl-10 ta' Lulju, 2014. Imbagħad f'ittra uffiċjali preżentata fl-14 ta' Lulju, 2014 l-attriċi interpellat lill-konvenuta sabiex tħallasha s-somma ta' €4,929.08 bħala danni. Sa dakinhar l-attrizi kellha stima mingħand The Catering Centre Ltd għas-somma ta' €3,579.08[13] li tirreferi għall-forn, xkaffar u freezer. L-attriċi xehedet, *"Mistoqsija jekk it-total tad-danni mitlubin kinux inklużi fl-ittra uffiċjali mibgħuta lis-soċjeta konvenuta fl-14 ta' Lulju, 2014 ngħid li le mhux id-danni kollha kienu inklużi. **Kien żdied l-ammont wara li rċevejt irċevuti varji u quotations biex nirrimpjazza l-affarijiet**"*.[14] Il-qorti tosserva:

i. Il-fliexken tax-xorb li Farrugia qalet li saritilhom l-ħsara għaliex ixxarrbu bl-ilma, suppost inxtrat mill-attriċi. Għalhekk probabbilment kellha l-

[12] Fol. 14.
[13] Fol. 27.
[14] Fol. 90.

*invoices* tas-supplier li mingħandu nxtrat u kienet taf x'ħalset biex tixtriha. Pero' l-attriċi ma ppreżentatx l-*invoices;*

ii. L-attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar id-dokument MF4. Kull m'għamlet hu li ppreżentathom permezz ta' nota li tgħid: *"Li biha qegħda teżebixxi numru ta' dokumenti mmarkati bħala Dok. MF2, MF3, MF4"*.

iii. Fl-ittra uffiċjali ma saret l-ebda riżerva għal danni ulterjuri. Il-qorti tippretendi li jekk il-labels tal-fliexken ixxarrbu, il-ħsara fil-labels kienet tidher minnufih.

iv. L-attriċi ma ppreżentatx l-irċevuti u *quotations* relatati mal-fliexken tax-xorb li jissemmew f'Dok. MF4. Din kienet prova essenzjali biex tikkorabora l-verżjoni li tat.

v. L-attriċi lanqas ma qalet x'għamlet bil-fliexken tax-xorb elenkati f'paragrafu Dok. MF4 li suppost kien hemm fil-fond u li tgħid li xxarrbu;

vi. L-attriċi ppreżentat ukoll filmati ta' ilma jqattar fil-kantina. Pero' fihom għalkemm jidhru xi ftit fliexken tax-xorb, ma wrietx il-ħsara li tgħid li saret fil-fliexken tax-xampanja. Lanqas ma ppreżentat per eżempju ritratti bil-*labels* fuq il-fliexken imxarrbin. Inoltre, il-fliexken li jidhru m'humiex tad-daqs li jissemmew fid-dokument MF4 a fol. 44 (hekk per eżempju fid-dokument jissemmew fliexken ta' tlett litri, sitt litri, disa' litri, tnax-il litru u ħmistax-il litru).

vii. L-attriċi lanqas ma tat prova li kienet xtrat dawk il-fliexken kollha tax-xampanja bi prezz tant għoli. Hekk per eżempju fid-dokument jissemmew fliexken ta' 12 u 15 il-litru. Prova li faċilment setgħet issir billi per eżempju tippreżenta r-riċevuta tal-ħlas jew tressaq bħala xhud lis-*supplier* mingħand min suppost xtrathom.

viii. Jirriżulta wkoll li per eżempju l-attriċi kienet qegħda tippretendi l-prezz għal xiri ta' freezer, meta fir-rapport tal-periti tekniċi jingħad li l-*upright fridge and freezer "għadu jopera f'kundizzjoni tajba"*.[15] Dan fih innifsu juri li l-attriċi ma kinitx leali fil-pretensjonijiet tagħha.

[15] Fol. 75.

ix. Mir-rapport tal-periti tekniċi jidher li kkonkludew li kien hemm prova ta' inċident wieħed biss meta ġrat il-perkolazzjoni ta' ilma. Il-qorti ma tistax tifhem kif dak il-ħin Farrugia, li kienet preżenti fil-post, ma qabditx u neħħiet il-fliexken minn fejn kienu u mesħithom. Jekk verament kellha fliexken tax-xampanja ta' dak id-daqs u l-valur, l-ewwel ma kellha tagħmel kien li tneħħihom.

x. Fir-rapport tal-perit Saliba jissemmew fliexken tal-inbid u mhux fliexken ta' xampanja. Inoltre, r-ritratti mehmuża mar-rapport tal-perit Saliba lanqas ma juru fliexken tax-xampanja tad-daqs li ssemmew f'Dok. MF4 bil-labels imtebbgħin. Dan apparti li r-ritratti għandhom id-data tat-22 ta' Ottubru 2014, iġifieri tlett xhur wara l-inċident.

xi. Għalkemm fir-rapport tal-periti tekniċi jissemmew fliexken tax-xorb, m'huwiex ċar jekk rawhomx b'għajnejhom. Il-qorti ħadet l-impressjoni li semmew il-fliexken tax-xorb minħabba li ssemmew fir-rapport tal-perit Saliba. F'kull każ ma li Inginier Ryan Fava ġie maħtur mill-Ewwel Qorti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attriċi u l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta għal dak li jirrigwarda ħsarat fl-**appliances** filwaqt li l-Perit Godwin Abela ġie maħtur biex bl-istess mod jieħu konjizzjoni tal-ħsarat strutturali fil-**proprjetà** attriċi.[16] Għalhekk, strettament, ma kienx l-inkarigu tagħhom li jirrelataw dwar l-allegati ħsarat fil-fliexken.

33. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta qabdet fir-rigward tal-fliexken tax-xorb ibbażat il-konklużjoni tagħha fuq Dok. MF4 u qalet biss li d-danni ma kinux kontestati. Mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta kien evidenti li kollox kien kontestat. Dan apparti li min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta[17] kien evidenti li qegħda ssostni li l-uniku ħsara li ġiet pruvata kienet is-somma ta' €519 relatata mal-*convection oven;*

> *"Illi bir-rispett kollu dina l-Qorti m'għandhiex minn jeddha tasal għal somma li trid tiġi mħallsa lis-soċjeta attriċi li tkun aktar minn dik imsemmija ta' €519, dan huwa kemm għaliex dak hu l-quantum ta' ħsarat li ġew ppruvati hekk kif trid il-liġi u anke peress illi ma hemm l-ebda raġuni leġittima biex din il-Qorti tiddipartixxi minn dik il-konklużjoni tal-periti tekniċi".*

34. L-ewwel qorti żbaljat meta ma kkunsidratx jekk l-attriċi tatx prova sodisfaċenti li sofriet dawk id-danni kollha li ssemmew fl-atti. Fir-rigward tal-fliexken tax-

[16] Fol. 32.
[17] Fol. 184.

xampanja, l-ewwel qorti kellha tiddetermina kienx kredibbli li fl-inċident tal-10 ta' Lulju, 2014 l-attriċi sofriet danni fil-fliexken tax-xorb fl-ammont ta' €16,254.33. Għal din il-qorti fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-konvenuta li dik is-somma m'hijiex kontestata għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni, id-dokument MF4 m'huwiex biżżejjed. Għal dawk li huma danni l-uniku ċifra li ma kinitx kontestata mill-konvenuta kienet dwar il-convection oven, u għalhekk din il-qorti m'għandhiex bżonn tikkunsidra jekk huwiex kredibbli li fl-inċident tal-10 ta' Lulju, 2014 sarx ħsara lil dak l-apparat li wassal għall-ħtieġa li jinbidel. Dan minkejja li hemm ukoll kien hemm xi tgħid.

35. Fir-rigward tal-fliexken tax-xorb ferm rilevanti kien dak li ddikjarat il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat quddiem l-ewwel qorti, fejn iddikjarat:-

> *"In vista tas-suespost, hija l-fehma tal-esponenti li din l-Onorabbloi Qorti għandha tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjeta esponent b'konsegwenza tal-ingress u/jew perkolazzjoni tal-ilma fis-somma komplessiva ta' **€4940.68** skont il-quotes, l-invoices u dokumenti oħra ppreżentati fl-atti proċesswali, li tajjeb jingħad qatt ma ġew kontestati u li qatt ma sar kontro-eżami in rigward tagħhom, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala prova nkontrovertibbli".*

36. Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi ddikjarat li d-danni li sofriet kienu fl-ammont ta' €4,940.68, l-ewwel qorti llikwidat is-somma ta' €11,000. Mill-provi jirriżulta li minn dik is-somma, l-ammont ta' €3,579.08 jssemma fl-istima ta' The Catering Centre Ltd (Dok. MF) a fol. 27 li m'għandhiex x'taqsam mal-fliexken tax-xampanja. Hu evidenti li lill-ewwel qorti ma kkunsidratx id-dikjarazzjoni li l-attriċi għamlet fin-nota ta' sottomissjonijiet u ħelset fil-qasir billi qalet li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-ammont.[18] Hekk ukoll jidher li l-ewwel qorti ma qratx dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet fejn l-istess attriċi ddikjarat:

> *"Apparti minn hekk, diversi fliexken tal-inbid u tax-xampanja sofrew ħsara fil-labels tagħhom u għalhekk ma humiex preżentabbli għall-konsum u ma jistgħux jinbiegħu. Il-valur komplessiv tagħhom huwa ta' **€360.88**".*

37. Ċifra li hi ferm 'il bogħod mis-somma li tissemma f'Dok. MF4 a fol. 44, u li f'kull każ baqgħet ma nġabitx prova sodisfaċenti dwarha. Għalhekk l-ewwel qorti għamlet żball manifest meta qalet li d-danni li l-attriċi sofriet fil-fliexken tax-xorb kien ta' €16,254.33. F'kull każ din il-qorti m'hijiex ser tillikwida somma *arbitrio boni viri* meħud in konsiderazzjoni l-inkonsistenzi ta' ċifri li semmiet l-attriċi. Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi qalet li fir-rigward tal-fliexken tax-

[18] Fol. 171.

xorb ippreżentat fattura a fol. 44, Dok. MF4 m'huwiex fattura iżda lista ta' xorb bi prezzijiet. Dokument li lanqas biss ma ġie konfermat bil-ġurament.

38. Għar-raġunijiet li ssemmew hawn fuq, safejn kompatibbli ma dak hawn deċiż, l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju qegħdin jintlaqgħu.

39. Is-**seba' aggravju** tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannata biex tħallas danni għal raġuni li mhux stabbilita bħala kawżali fir-rikors promutur u f'somma superjuri għal dik mitluba minnha fl-ittra uffiċjali numru 1440/14 a fol. 98 tal-proċess.

40. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija l-mertu tar-raba' aggravju. Għalhekk m'huwiex il-każ li l-qorti toqgħod tirrepeti. Dwar il-fatt li s-somma li l-appellanti ġiet ikkundannata tħallas mill-Ewwel Qorti hija superjuri għal dik mitluba minnha fl-ittra uffiċjali numru 1440/14 a fol. 98 tal-proċess, dan l-aggravju hu superfluwu in vista ta' dak li ntqal hawn fuq b'riferenza għall-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji.

41. Finalment, permezz tat-**tmien** aggravju, l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkundannatha tħallas l-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru.

42. Dan l-aggravju se jiġi milqugħ *in parte* sabiex jirrifletti deċiż fil-meritu.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell *in parte*, u tvarja s-sentenza tat-18 ta' April 2018 billi minflok tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' ħames mija u dsatax-il ewro (€519), bl-imgħax mid-data tal-ewwel sentenza. Għall-kumplament tiċħad it-talba tal-attriċi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal ¾ mill-attriċi u ¼ mill-konvenuta.**

Anthony Ellul.